xemgħa u kien hemm ukoll żewġ arki "ben ideati u ben dipinti" li kienu wkoll mixgħula. Il-gazzetta ssemmi wkoll "suani musicale" u din hija indikazzjoni li kien hemm xi banda jew baned idoqqu, u logħob tan-nar, li għoġob lill-għadd bla qies ta' nies li rawh.

Nhar San Ġużepp, ħarġet ġurnata sabiħa u l-galleriji u t-twieqi tad-djar viċin il-knisja kienu mżejna bid-damask. Filgħodu għamel il-paneġierku l-kwareżimalista tal-Katidral, il-Kanonku Kantur Dun Karlu Camilleri, u wara nofs inhar kien hemm priedka oħra minn Patri Ġużeppi Maria Borg O.C., ex-provinċjal tal-Karmelitani. Il-mużika kienet tas-Surmast Vincenzo Bugeja.

Il-purċissjoni li ħarġet wara nofs inhar kienet twila ħafna, fiha ħadu sehem 250 fratell u numru kbir ta' reliġjużi. Il-gazzetta spiċċat id-deskrizzjoni tal-festa billi ġabet il-kliem ta' l-iskrizzjoni bil-Latin, li tqiegħdet fuq il-bieb tal-knisja ta' Ġiesu, xogħol tal-magħruf latenista Dr. Dun Ġużepp Zammit [3].

---

1. Il-Prokuratur Legali Vincenzo Dimech kien Rettur tal-Fratellanza bejn l-1840 u l-1844. Ara Patri Ġ. Scerri Monografia Storica dell Antichissima Arciconfraternita' del glorioso Patriarca "S. Giuseppe" (Malta 1935) p. 63.
2. Dan jindika li saret xi mixgħela, naturalment mhux bid-dawl elettriku.
3. It-tagħrif kollu dwar il-festa ġie meħud kif indikat fuq mill-gazzetta L'Osservatore Maltese" 30 ta' Marzu 19844.

---

*Silta minn "Il-Ġurnal Malti", 30 ta' Marzu 1865, No. 41 paġni 2 u 3.*

# Il-Festa ta' San Guzepp ta' l-Imdina 1865

minn *ANTHONY CASHA*

M'hemmx diffikulta' li nitħadtu fuq il-festa sollennissima li ssir fid-19 ta' Marzu, ir-Rabat ta' l-Imdina fil-Kunvent tar-Rev. Padd. Oss. Din il-kbira festa tibda mit-Tridu tiegħu solenni bil-mużika, priedka, dejjem jaħtru wieħed li jinqala', kif effettivament kellhom dis-sena. Iżda li tiddiskrivi ħaġa b'ħaġa l-ġmiel ta' dawk il-jumejn festa, mhux tabilħaqq illi hemm min għandu l-ħila! Dawk li huma triqat, kienu bl-aktar semetrija kbira mżejnin, linef mattriqat, brazzi, żewġ arki trijonfali, wieħed isbaħ mill-ieħor, ġiggifogo b'sengħa liema bħalha, baned mattriqat fuq il-palki, u bosta ħwejjeġ oħra illi mpossibli tgħoddhom ħaġa b'ħaġa. Iżda nidħlu daħla fit-tempju, dik iż-żina hekk sabiħa, l-aktar dis sena, żanżnu damask ġdid, u bosta ħwejjeġ oħra. Il-mużika ma nsemmu xejn, mit-Tridu sa nahru kienet ta' l-imgħallem V. Bugeja, li verament iservihom wisq tajjeb, kif il-karti tiegħu wkoll fuq kollox huma divini! Paneġierku minn Kanonku tal-Kattidral, it-teologu Xerri, illi verament il-Gżira għandha biex tiftaħar b'għerfu għax ikkonoxutissmu. Wara nofs in-nhar saret ukoll priedka minn ħaddieħor, iżda kulħadd ħareġ jiftaħar. Sunet bil-malti kien inxtered fl-idejn, li għamel bosta iżjed briju, kif il-poplu kollu jiffolla għalih. Il-purċissjoni kienet ta min jiftaħar biha, il-kwiet, il-ġmiel tal-banda mal-vara ta' San Ġużepp ta'



Dehra tal-Knisja fil-Festa c. 1800

l-imgħallem Andrea Borg, avolja għama, għad-direzzjoni, impossibli, kulħadd ikollu paċenzja, ma nsibulha l-ebda differenza minn banda mili-tari, iżda dan xi jġibu? iġibu l-kapa-ċita' ta' l-imsemmi professur! f'qasir kliem, il-purċissjoni daħlet l-isbaħ ħaġa li tista' tara, it-Tempju kien l-istess bħal ġenna! *It-Tantum ergo* ma nsemmu xejn għax il-mużika ta' V. Bugeja kkonixutissmu.

Dak in-nhar l-istess mgħallem, kellu għasar fil-Kunvent tar-Rev. Padd. Karmelitani tal-belt Valletta l-orkestra ma kienet xejn anqas minn ta' l-Imdina, il-vuċijiet marru kollha divinament, speċjalment din is-sena, kellna nisimgħu bit-Tenur E. Serazzi b'dik il-vuċi divina tiegħu, iktanta noti anġeliki, illi verament u tabil-ħaqq bravu, iżda meta jinstama' jkanta dak '*id-Dixit*' trid ikollok qalb feroċi biex ma tgħoxiex b'leħ-nu! Bravu Serazzi, għamel unur lill-gżira u l-popolazzjoni in ġenerali tfaħru, u tfaħħru bil-ħaqq!!

---

Noti ta' l-Editur:

1. Sas-sena 1976 dejjem il-festa ta' San Ġużepp saret fid-19 ta' Marzu.
2. Il-linef u l-brazzi imsemmi fl-artiklu, l-aktar żewġ toroq im-semmija kienu: Triq il-Vittorja u Triq il-Patrijiet osservanti.
3. L-Arkijiet trojonfali kienu: dak li għadu jintrama fi Triq San Pawl u l-ieħor li kien jintrama fi Triq Santu Wistin quddiem il-kunvent li ilu nieqes bejn l-40 u l-50 sena.
4. Il-Banda ta' Indri' Borg, il-lum il-Banda L'Isle Adam, kienet id-doqq fil-purċissjoni quddiem il-vara ta' San Ġużepp.
5. Kienet użanza li fil-festi kbar, iġibu xi kantanti (tenuri u baxxi) x'aktarx mill-Italja.
6. Sunett bil-Malti, f'dak iż-żmien kienu ikunu bit-Taljan.
7. F'din is-sena iż-żanżan damask ġdid.